# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2019**

**Kawza Numru: 18**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 604/2019 JVC**

**Adolf Mangion u Olympia Ambinette Mangion għan-nom u in rapprezentanza ta' binthom minuri Keona Mangion Ambinette in kwantu kuraturi tal-istess minuri**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Adolf Mangion et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-esponenti huma l-ġenituri tal-minuri Keona Mangion Ambinette li twieldet nhar it-tnejn (2) t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u għalhekk il-kurja u l-kustodja tal-istess minuri hija fdata f'idejhom ai termini tal-Artikolu 131 tal-Kodiċi Ċivili (KAP. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan kif joħroġ ċar miċ-ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat bħala 'Dok. A';

2. Illi fl-Att tat-Twelid hawn aktar fuq imsemmi, il-kunjom tal-minuri ġie indikat bħala 'Mangion Ambinette' konformi mal-Att Numru XVIII tal-2004 li jagħti l-opportunita` lil dawk it-tfal li twieldu wara s-sena elfejn u erbgħa (2004) li jkollhom żewġ kunjomijiet li jirriflettu dak tal-missier u dak tal-omm;

3. Illi dan l-istat ta' fatt, cioe li kunjom il-minuri huwa 'Mangion Ambinette', qiegħed jikkaġuna inkonvenjent u preġudizzju lill-minuri kif ukoll diversi kumplikazzjonijiet fil-ħajja tagħha ta' kuljum;

4. Illi fil-fatt, meta l-esponenti marru biex jirreġistraw lill-minuri Keona għall-iskola, kellhom jiffaċjaw diversi kumplikazzjonijiet peress illi ħu l-minuri, Kieran Mangion (K.I. 253609L), huwa kunjomu 'Mangion' biss, kif speċifikament indikat fuq l-Att tat-Twelid tiegħu hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. B', u għaldaqstant iż-żewġ minuri kienu maħsuba illi mhumiex aħwa ta' xulxin;

5. Illi l-esponenti għandhom interess illi l-Att tat-Twelid ta' binthom ikun jirrifletti il-kunjom tal-missier biss sabiex b'hekk ma jkun hemm ebda differenza bejn il-kunjomijiet taż-żewġt ulied;

6. Illi għalhekk qed issir talba sabiex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid tal-minuri Keona,

sabiex kunjomha jigi indikat bhala 'Mangion' u ma jibqax 'Mangion Ambinette'.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna illi l-kunjom 'Mangion' jigi rregistrat minflok il-kunjom 'mangion Ambinette' fl-Att tat-Twelid tal-minuri Keona u ghalhekk l-imsemmi Att tat-Twelid jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem il-Wild' jitnizzel l-isem 'Keona Mangion' minflok l-isem 'Keona Mangion Ambinette';

2. Tordna illi l-isem ta' 'Keona Mangion' ghandu jigi wzat fl-atti civili taghha l-ohra kollha successivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxi illi Artikolu 253 tal-Kodici Civili, jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jirrileva illi ma huwiex edott mill-fatti hekk kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent jirrileva illi l-minuri Keona Mangion Ambinette, mat-twelid addottat kunjom missierha skont Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili, ma liema kunjom hija ziedet kunjom xbubit ommha skont Artikolu 292A tal-istess Kodici;

4. Illi ghalkemm Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jippermettix b'mod dirett korrezzjonijiet fil-kunjomijiet, huwa ormai assodat mill-giurisprudenza taghna illi f'dan ir-rigward il-Qrati nostrana qeghdin japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi b'inqas rigorozita';

5. Illi l-esponent jirrikonoxxi ukoll illi f'sitwazzjonijijet ohra simili ghal din odjerna, cioe' fis-sentenza fl-ismijiet Robert Dowling Attard vs Direttur tar-Registru Pubbliku, deciza nhar id-9 ta' April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, din l-Onorabbli Qorti izda kif diversament preseduta kienet laqghet it-talba illi jitwaqqa' l-kunjom Attard;

6. Illi in vista tal-premess, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi r-rikorrenti ghandhom igibu dik il-prova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-minuri kienet minn dejjem rikonoxxuta bil-kunjom 'Mangion' minflok 'Mangion Ambinette';

7. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe' kaz huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-azzjoni odjerna stante illi huwa ma kellux rwol fid-decizjoni tal-ghazla tal-kunjom tal-minuri;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

Rat l-affidavits tal-atturi u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Stante illi mill-atti jirrizulta li t-talba hija gustifikata u fl-ahjar interess tal-minuri.

**Decizjoni**

Tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dawk hawn deciz tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kunjom Mangion jigi registrat minflok il-kunjom 'Mangion Ambinette' fl-Att tat-Twelid tal-minuri Keona bin-numru 4657/2012 u ghalhekk l-imsemmi fl-Att tat-Twelid jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata Isem il-Wild jitnizzel l-isem 'Keona Mangion' minflok l-isem 'Keona Mangion Ambinette';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-isem ta' 'Keona Mangion' ghandu jigi wzat fl-atti civili taghha l-ohra kollha successivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Novembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Novembru 2019**